MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1536/2002

***Anthony Vella***
***VS***
***Fred Von Oevelen***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti in konnessjoni ma’ prezz ta’ *computer* u accessorji ohra mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess u dana skond ftehim ta’ bejgh tal-14 ta’ Novembru 2001 anness ma’ l-avviz u mmarkat bhala Dokument A.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-14 ta’ Mejju 2002 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-ftehim tal-14 ta’ Novembru 2001 kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut irrifjuta illi jaccetta n-notifika ta’ l-avviz tat-talba u tas-smiegh tal-kawza u dana kif jirrizulta anke mix-

xhieda tal-pustier inkarigat bil-konsenja ta’ l-att Francis Xavier Debono.

Ra l-artikolu 187 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u jiddikjara illi l-konvenut gie ghalhekk notifikat skond il-Ligi fil-5 ta’ Lulju 2002 fis-1:25p.m.

Ra illi l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta tieghu skond il-ligi

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Ian Spiteri Bailey ghan-nom ta’ l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u senjatament id-Dokument B anness ma’ l-avviz minn fejn jirrizulta illi l-konvenut qieghed jammetti li ghandu jhallas id-debitu li jifforma l-mertu ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995 u l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta’ Novembru 2001.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tal-14 ta’ Mejju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**